# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 21 ta' Gunju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru.  169 / 16RGM

Kawża fil-lista:  15

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011), ir-rikorrenti izzewget fir-Registru Pubbliku ta' Malta lill-intimat.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar il-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa null, invalidu u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-att XXXVII tal-1975 [Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta] li jirregola z-Zwiegijiet, u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu xierqa u opportuni f'dan ir-rigward.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-intimat, hawn esponent, jsostni li z-zwieg li sar bejn il-partijiet nhar il-hamsa (5) ta’ Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa wiehed validu u dan kif ser ikun ippruvat waqt is-smigh tal-provi ta’ din il-kawza.

Illi apparti dan, l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 14 ta’ Ottubru 2014.

L-attrici hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fil-11 ta’ Jannar 2017, u l-kontro-ezami taghha li sar fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2017;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fil-31 ta’ Ottubru 2017, u l-kontro-ezami tieghu li sar fl-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2018;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-13 ta’ Marzu 2018 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, A B, fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta’Jannar 2017,[1]iddikjarat li r-relazzjoni taghha mal-konvenut bdiet f’Jannar 2010. Ltaqghu fuq dating site, tkellmu *on line* ghal xi gimgha u wara skambjaw n-numri tal-mobile phones

[1] Fol 11 et seq.

taghhom. Kienu jibghatu l-messaggi lil xulxin u ltaqghu l-ewwel darba f'Jannar tal-istess sena u bdew johorgu flimkien. F'Marzu 2010 l-konvenut li kien suldat infurmha li kellu jsiefer ghal sitt xhur mal-Armata ghal missjoni fl-Afrika u telaq f'Jum l-Ghid f'dak ix-xahar stess. Hi ltaqghet mal-ġenituri tieghu jumejn qabel telaq minn Malta u hu kien ltaqa' mal-ġenituri taghha gimgha qabel. Hi tghid li fiz-zmien li dam imsiefer kienet timmissjah hafna, rnexxielhom jitkelmu bit-telephone xi erba' darbiet biss, qalilha li kien ser jirritorna qabel iz-zmien u fil-fatt gie lura f'Lulju, xaharejn qabel. Dam imsiefer erba' xhur flok sitta. Fl-ahhar ta' Lulju qalilha li kien ser jitlaq l-Armata, staqsiha ghall-opinjoni taghha izda hi qaltlu li kienet deċizjoni tieghu u ma riditx tinfluenzah. Telaq mill-Armata u fetah 'pet shop', hi qaltlu li l-kera tal-hanut kien gholi izda hu insista li kellu posizzjoni tajba. L-attriċi tghid li ma ndahlitx izjed anzi kienet tghinu. F'dan iz-zmien r-relazzjoni taghhom kienet tajba hafna, hu kien jiddedika hafna hin ghaliha u iddiskrivietu bhala 'l-gharus perfett'. Fl-ahhar ta' Ottubru tal-istess sena bdew jghixu flimkien u fil-5 ta' Gunju 2011 izzewgu, wara sena u hames xhur li saru jafu lil xulxin. Marru ghall-honeymoon l-ghada tat-tieg u l-inkwiet beda mill-ewwel. Hi riedet tiehu maghha par tainers komdi u peress li kellhom ticrita zghira hu oggezzjoni li tohodhom. Hi tghid li waqt il-honeymoon C kien aktar mohhu fl-irqad milli fiha. Wara biss tlett gimghat mit-tieg taghhom hu beda jinjoraha, kienu jghaddu granet shah minghajr ma jghidilha kellma. Kien ikellimha biss biex jghid li kien bil-guh biex isajjarlu. Hi tghid li kienet infeliċi hafna billi tant inbidel li qisu ma kienx l-istess persuna li kienet taf qabel iz-zwieg. Tghid li ma tafx x'inhi r-raguni pero' 'donnu ma kienx jaf x'inhuma l-obbligi tieghu fil-hajja mizzewga'.

F'Settembru 2011 kellhom argument kbir, hi lmentat mieghu li ma kinitx kuntenta, weghedha li kien ser jinbidel pero' wara biss gimgha tghid "ergajna lura ghal dak li konna", cioe' hajja monotona, fejn hu kien jinqata' ghalih u ma jitkellimx maghha. "Kien qisu f'dinja ghalih fejn ma kienx jimpurtah minni". Tant kienet tkun imdejqa li bdiet tevita li tirritorna d-dar wara x-xoghol, kienet jew tmur ghand il-ġenituri taghha jew ghal drive twila. Hi tghid li qabel z-zwieg kienet tkun herqana biex tmur id-dar billi hu kien jifrah biha, wara z-zwieg, pero' dan kollu sfaxxa fix-xejn.

F'Marzu 2012 regghet ilmentat mieghu li ma kienx qed jaghti kaz taghha, u rega' bhal qabel, wara gimgha kollox irritorna bhal qabel. Waqaf kompletament li jaghtiha attenzjoni u ftit li xejn kien ikellimha.

F'Gunju 2012, xtratlu rigal zghir ghall-ewwel anniversarju tat-tieg taghhom billi kienet x-xewqa taghha li r-relazzjoni taghhom tkun kif kienet qabel izzewgu, u mhux wahda ta' dwejjaq u silenzju kif ried hu. Tghid li ppretendiet xi haga zghira minghandu pero' hu, b'certa rabja qalilha li kellu hafna spejjez. L-attriċi hassitha offiza b'dan id-diskors billi hi kienet thallas il-loan tad-dar, l-ispejjez ta' kuljum u l-kontijiet kollha tad-dar. Kienet isselfu l-flus biex ihallas l-assikurazzjoni tal-

vettura tieghu u anke biex jixtri stock ghall-haunt. Qatt ma rrifondilha dak li silfitu u l-paga taghha kienet tispicca sal-ahhar tax-xahar. Id-dar matrimonjali kienet xtratha qabel iz-zwieg pero' hu qatt ma hallas xejn ghad-dar. L-unika darba li kkontribwixxa kien f'Lulju 2014, xahar qabel isseparaw meta hallas ghal xirja minghand Pavi. L-attrici tghid li l-hajja mizzewga taghhom kompliet tiggrava, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejniethom u ghalhekk ebda intimita' hlief ghal xi okkazzjoni rara. Filwaqt li kienet tghidlu li x-xewqa taghha kienet li jkollha t-tfal u tibni familja, mill-banda l-ohra kienet tibza' billi ma kellhomx relazzjoni tajba u l-konvenut ma kienx jaf x'kienu l-obbligi u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga. Meta huh Lizio kellu tarbija kien qalilhom li issa kien imiss lilhom ghat-tfal u hi rrispondiet li dan ma kienx possibbli billi hi kienet qed tmantni lill-konvenut. L-attrici tghid li "C qatt ma kkomporta ruhu ta' ragel mizzewweg, kien qisu maqtuh ghalih u jiena ovvjament hassejtni wahdi", tghid li "C ma kienx l-istess ragel li kont naf qabel. Qisni kont izzewwigt lill-haddiehor".

F'Marzu 2013 tghid li ma felhitx izjed, ma riditx tarah izjed u malli tidhol id-dar kienet thoss niket kbir. Hi waslet ghall-konkluzjoni li zewgha zgur ma kienx jaf ghal xiex kien diehel meta ddecieda li jizzewweg. Hi talbitu biex jitlaq mid-dar u ghamlu sitt gimghat il-boghod minn xulxin. Kienet ma tiflahx fl-ahhar gimgha u rega' mar maghha biex jiehu hsiebha. L-attrici tghid li kien l-istess C li kienet taf qabel izzewgu. Wara gimgha, pero', rega' lura ghar-ragel li "jghix f'dinja ohra ghalih wahdu". L-intimita' ta' bejniethom li kienet gia' rari saret aktar rari, kienet dejjem hi li tieghu l-inzjattiva li tavvicinah u hu dejjem kien jgib l-iskuzi li kellu ugieh ta' ras jew ta' stonku. F'xi drabi kienet tinduna li kien jkompli maghha ta' bil-fors biex 'jaghlaqli halqi'. Iz-zwieg taghhom dam tlett snin u xahrejn u kellhom x'jaqsmu mhux aktar minn ghaxar darbiet. L-attrici tghid li ma setghatx tkompli tghix din il-hajja mizerabbli, kienet tkun dejjem nervuza u mdejqa, taht stress kontinwu u bdiet tinfexx fl-ikel, u dejjem fix-xifer li tibki. Hi ma riedet tghid lill hadd bil-problema li kellha la lill-hbieb u lanqas lill-genituri taghha. Hasset li hajjietha mizzewga kienet falliment totali ghalkemm hi ma kinitx tahti. Il-konvenut lanqas kien jistaqsiha x'garalha meta kien jismaghha tibki bil-lejl. Tghid "Hassejtni wahdi sa mid-data taz-zwieg".

F'April 2014 ghamlet l-ahhar tentattiv billi organizzat btala ta' erba' tijiem f'Sqallija. Hallset kollox hi bit-tama li f'ambjent differenti 'C isib lilu nnifsu' izda kien kollu ghal xejn.

F'Awwissu 2014 talbitu jippakkja u jitlaq u minghajr ma lissen kelma hu ppakkja u telaq. Fl-14 ta' Ottubru 2014 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

L-attrici tghid li C fiz-zwieg ma kienx l-istess persuna li kienet taf fl-gherusija, 'kien sar persuna ohra'. Hadet dan il-pass wara tlett snin ghax ma setghetx temmen dak li gara u baqghet tittama li C jerga' jirriverti ghal dak li kien fl-

gherusija. Raguni ohra kienet li ma riditx tinkwieta lill-genituri taghha li diga' kienu inkwetati billi huwha issepara. Huma kienu jbaghtu b'qalbhom u ghalhekk l-attrici qaltilhom biss wara li sseparat. Naturalment kienu ddispjecuti pero' accettaw l-ispjegazzjoni taghha.

L-attrici tghid li darba il-genituri ta' C qalulha li kienu jahsbu li binhom kien omosesswali billi qatt ma kellu tfajla u qatt ma kien dahhal xi tfajla d-dar, hlief l-istess attrici.

L-attrici thoss li giet uzata mill-konvenut li bis-sahha taghha sab post fejn jorqod jiekol u jghix komdu u ma jhallas xejn. Tul z-zwieg taghhom qatt ma hallas ghal xejn u l-attrici kienet tiehu hsieb kollox il-faccendi ta' kuljum u l-finanzi tal-familja. Flusu l-konvenut kien izzommhom ghan-negozju tieghu, u meta ma kellux flus biex jixtri lis-stock kienet tisilfu l-flus l-attrici. Darba meta qaltlu li marret bozza fid-dar qalilha "d-dar tieghek ixtriha int."

L-attrici tghid li l-passivita' u l-indifferenza tal-konvenut kienet r-raguni ghall-falliment taz-zwieg. Tghid li "ma hemmx dubju li C qatt ma kellu jiehu dan il-pass taz-zwieg ghaliex qatt ma gharaf id-dmirijiet tieghu lejn iz-zwieg u l-familja". Hu qatt ma ra z-zwieg bhala komunjoni u kondivizjoni. Hu ma kkontribwixxa xejn la moralment u lanqas finanzjarjament ghall-bzonnijiet tal-familja. Hu qatt ma assuma r-responsabbiltajiet tieghu ta' ragel mizzewweg. Fiz-zwieg taghhom il-kelma 'mutual' kienet non-ezistenti.

Finalment l-attici ddikjarat li fiz-zwieg irrealizzat li hi u l-konvenut ma kienux adattati ghal xulxin u qatt ma kellhom jiehdu dan il-pass taz-zwieg. Kienet decizjoni li ttiehdet bl-ghaggla u minghajr ebda hsieb. Hi tghid "Il-kuncett ta' shubiha fl-imhabba u fil-hajja ta' kuljum ma kienx jezisti ghat-tnejn li ahna".

L-attrici xehdet in kontro-ezami fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2017.[2] Mistoqsija jekk gritx warajh biex jipproponilha irrispondiet li hi kienet ghall-antika u ghalhekk kienet tixtieq li hu jipproponilha. Hi ammettiet li qabel kienet ser tizzewweg lil xi hadd iehor u li kienu thallsu xi deposits, pero' l-ghaggla ma kinitx ghal din r-raguni. Hi ghagglet ghax kellha 33 sena u riedet familja u t-tfal. Id-deposits li kienet ghamlet tilfithom kollha hlief wiehed. Hi tghid li ghall-ewwel C kien rizervat izda wara kien jitkellem, jiccajta u jidhaq maghha. Hi cahdet li hu kien jsajrilha, dan ghamlu biss darba jew darbtejn.

Hi ddikjarat li kellha zewg jobs fix-Xitwa u wiehed fis-Sajf. Skola fil-ghodu u Banka tal-Lottu fil-ghaxija fix-Xitwa u fis-Sajf water sports.

---

[2] Fol 20 et seq.

L-attrici ddikjarat li qabel izzewgu ghamlu sena jghixu flimkien u l-anke f'dak z-zmien meta hu kien jaghmel xi xirja, l-maggior parti tal-ispejjez hargithom hi. L-attrici qalet li l-konvenut fetah il-pet shop 10 xhur qabel izzewgu u qatt ma kien jghidilha x'kien jaqla' anzi kien jbiddel id-diskors meta tistaqsih. Hi gieli marret fil-hanut u l-impressjoni taghha kienet li "ma kellux daqshekk klientela".

Il-konvenut wara sab job mal-Arriva. Mistoqsija mill-Qorti l-attrici ddikjarat li qabel z-zwieg kienu jitkellmu fuq tfal u hi ma kinitx tiehu l-kontracettiv, dan bdiet taghmlu xi tlett xhur wara li zzewgu meta rrealizzat li l-affarjiet mhux sejrin sew. L-intimita' taghhom sal-gherusija kienet normali. Ma marrux ghand family therapist ghax l-attrici ma riditx tinkwieta lill-genituri taghha u hasbet li l-affarjiet kienu ser jirrangaw.

Qabel izzewgu l-konvenut kien jghix ghand il-genituri tieghu u sena qabel izzewgu kien jghix ghand l-attrici fis-Siggiewi. Qabel hu kien jghix fi flat mikri Wied il-Ghajn pero' lill-attrici qatt ma hadha hemm, kien jghidilha li kellu hafna kaxxi fin-nofs. L-attrici ddikjarat li sa fejn taf hi l-konvenut ma kellux bzonn kura psikologika jew psikjatra u spjegat li qabel iz-zwieg il-karattru tieghu kien kompletament differenti u ad dirittura mill-honeymoon l-affarjiet nqalbu ta' taht fuq.

Il-konvenut C D, pprezenta l-affidavit tieghu mahluf fis-17 ta'Ottubru 2017, anness ma nota tal-31 ta' Ottubru 2017.[3] Hu ddikjara li ltaqa' ma' A f'Jannar jew Frar 2010, qabel kienu ltaqghu 'on line'. Hu qalilha mill-ewwel gurnata li ltaqa' maghha li kien sejjer is-Somalia ghal tahrig intensiv ta' training militari u li kien ser idum sitt xhur. Hi qaltlu li kienet tfajla li tghir hafna. Kienu jiltaqghu filghaxija wara x-xoghol ghand il-genituri taghha. Gieli hargu jieklu l-Casino peress li l-attrici kienet thobb tmur hemm.

Darba marru jieklu l-Airport, ghaddew quddiem hanut tad-deheb, rat curkett li ghogobha u hu qabbad u xtrah. Hi kienet kuntenta u meta tal-hanut staqsiet kemm kienu ilhom flimkien hi rrispondiet li ma kienx ilhom pero' kien qisu li ilhom s-snin flimkien. Il-konvenut jghid li l-attrici kienet thobb tuza din il-frazi fil-bidu tar-relazzjoni taghhom.

Kienet tghidlu li kienet timmissjah ghax hu ma kienx bhal persuna li kienet mieghu qabel. Dan kien certu David li l-konvenut jghid li l-attrici kienet ser tizzewgu tant li kellhom hafna preparattivi lesti u anke diversi depoziti mhallsin. Jghid li dan tant kien ittrattha hazin li harbet mid-dar biex ma tibqax mieghu. Hu jghid li "qabzet mill-gallarija, u griet f'nofs ta' lejl minn Birzebbuga sal-Gudja".

---

[3] Fol 50 et seq.

Il-konvenut jghid li hu ma kienx joqghod jistaqsiha fuq il-hajja privata taghha, mentri hi kienet taghmillu hafna domandi, kienet tistaqsih fejn kien imur mat-tfajliet li kellu qabel, jghid li kien jisthajjel li kien f'xi interogatorju f'xi ghassa tal-Pulizija. Kienu llitigaw dwar dan pero' irrangaw ghax talbitu skuza u assikuratu li l-incident ma kienx ser jirrepeti ruhu.

Fuq suggeriment tal-attrici kienu fethu kont bankarju joint biex jfaddlu xi haga flimkien. Il-konvenut jghid li kellu account mal-BOV li minnu kien ihallas il-kera tal-flat li kien jikri f'Wied il-Ghajn. Malli beda jghix mal-attrici ma baqghax ihallas kirjiet. Kellu van li beda jzommu is-Siggiewi fejn kien jghix mal-attrici u l-BMW li kellu f'garage f'Haz-Zabbar bieghha kif ssugeritlu l-attrici billi ma kellux bzonn zewg karozzi.

Il-konvenut jghid li kellu business account mal-HSBC li minnu kien ihallas l-ispejjez tal-pet shop. Hu jghid li lill-attrici qatt ma talabha xejn izda darba kellu bzonn jigbed €600 meta kien ser jitlaq il-hanut u flok mar jigbed mill-ATM l-attrici offriet li tisilfu l-flus li hi kellha mix-xoghol tal-Banka tal-Lottu. Hu jghid li rrifondilha kollox mas-separazzjoni.

Hu jghid li kien jghin fix-xoghol ta' maintenance tad-dar, dan sar fit-2012 meta kien qed jidhol l-ilma tax-xita. Meta kien qed izarma l-hanut missierha kien interessat fl-ixkafef ghall-kamra tal-bejt. Dawn kienu jiswew €600, kellu il-bejgh taghhom u missierha minn rajh tah €150. Jghid li mill-genituri taghha dejjem ra rispett. Jghid li fis-Sajf kwazi kuljum wara gurnata xoghol kien jmur jixtri biex issajjar. Kien jnaddaf id-dar u jitma il-kelba tar-razza taghha. Kien jaghmel il-hasla tal-hwejjeg darbtejn fil-gimgha.

Fis-sajf l-attrici kienet tohrog mid-dar fit-8.00am u tirritorna xi d-9.00pm. Kienet tahdem fil-Watersports li kien ta' huha Richard. Kienet tghidlu li dan ix-xoghol hu 'hajjitha' u jekk tinqabad tqila dan kellu jkun fix-Xitwa mhux fis-Sajf. Il-konvenut jghid li dan kien difficli f'kwalunkwe kaz billi hi kienet tiehu l-pillola kontra t-tqala, kienet tirkeb il-jet-ski kuljum u tpejjep il-hin kollu. Jghid li ma kinitx taghti kaz tieghu meta kien ma jiflahx u tant kienet impenjata f'dan x-xoghol fis-Sajf li qaltluli jekk jispicca l-Isptar lanqas ikollha cans tmur tarah. Pero' meta kellha bzonn hi hu mar maghha il-poliklinika u kien hemm okkazjoni meta ha lill-missierha ukoll. Jghid li l-attrici kellha kunfidenza zejda mal-lavranti ta' huha li jahdmu fil-water-sports, u li tant kienet tindahal li xi drabi huha kien jirrimproverha. Hu jghid li quddiemu ghanqet lil wiehed minn dawn il-lavranti, ghafsitlu rasu ma sidirha meta kienet bil-malja u jghid li ftit wara li infirdu marret tghix mieghu.

Meta darba marret id-dar b-warda hamra u qalziet ta' taht ahmar u qaltlu li kienu rigal min tifel ta' 5 snin, l-attur jghid li ma setghax jimmagina li tifel ta' dik l-eta' jiehu l-inizzjattiva li jixtri dawn l-affarjiet biex jaghtihom lill-LSA fl-iskola.

Fit-2014 l-attrici ssugerit li jmorru weekend Ghawdex u hu qalilha li ahjar imorru Sqallija. Hi qablet mieghu u hekk ghamlu. L-attur jghid li qasmu l-ispejjez mhux kif qalet hi li hallset kollox l-attrici. Jghid lil-attrici ghamlet vaganza tgerger bil-mixi, torqod fil-lukanda u tpejjep. Meta rritornaw komplew bil-problemi, l-konvenut jghid "gideb fuqi, biki tal-kukudrilli, u mmorru nigru ghand il-mummy u tivvinta fuqi li qed naqlibilha".

Fis-16 ta' Awwissu cemplilha biex jghidilha li ghamel xi arrangamenti ghall-birthday taghha u li kien ha gurnata leave. Hi qaltlu li kien hadha ghal xejn ghax kienet miftehma ma' tal-water-sports. Fid-9.00pm cemplilha u bhas-soltu akkuzatu li mar ma' ohra. Hu kien jghidilha dak li kellu jghidilha cioe' li ma tuzax ic-cellulari waqt li tkun qed issuq u tkisser karozza kif kienet ghamlet u li tiekol ikel bnin mhux imbarazz. Jghid li kienet tkellmu b'arroganza tghidlu li qisu missierha, riedet kollox kif tghid hi, u ppretendiet li jixtrilha djamant.

Il-konvenut C D xehed in kontro-ezami fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2018.[4] Hu ddikjara li l-karattri taghhom kienu kompletament differenti pero' kif jghidu 'l-opposti jiltaqghu kultant'. Hu ammetta li hu bniedem rizervat u silenzjuz mentri hi cajtiera u ewforika. Hu jghid li kienu jmorru spiss il-Casino tal-Qawra, gieli marru seba' darbiet fil-gimgha. Hu accetta li qabel izzewgu kienu jghixu flimkien ghal kwazi sena. Jghid li l-problema taghha kienet li okkazzjonalment tkun 'moody'. Hu kkontesta dak li qalet l-attrici li sabha komda biex jghix maghha, peress li hu kien komdu fejn kien qed jghix. Hu qal li l-kontijeit tad-dawl u l-ilma kienu jhallsuhom bin-nofs bejniethom, l-istess kienu jaghmlu bix-xirjiet. Hu insista li kien jahsel mhux biss il-qomos tieghu izda kien jahsel u jghaddi ta' kulhadd. Hu jghid li l-attrici keccietu mid-dar u mhux telaq hu. Hu qabel li fis-Sajf kien jiltaqa' maghha fejn kien jsir il-water-sports.

## KONSIDERAZZJONIJIET.

### Il-Kontestazzjoni bejn il-Partijiet.

Il-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 2011 wara li ghamlu kwazi sena jikkobitaw, meta skont l-attrici, l-konvenut kien l-gharus ideali. Iz-zwieg taghhom damm ftit aktar minn tlett snin billi f'Awwissu 2014 l-attrici talbitu biex jitlaq mid-dar u fl-14 ta'Ottubru 2014 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

[4] Fol 58 et seq,

L-attrici tillmenta mill-fatt li l-konvenut sar bniedem kompletament differenti wara z-zwieg, sar aktar rizervat u jghix ghar-rasu, kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejniethom, kien passiv, insensisittiv, autonomu u indipendenti minnha. L-mumenti ta' intimita' bejniethom kienu rari u f'xi drabi sfurzati. Tghid li l-konvenut ma kienx jaf x'hin huma d-drittijiet u dmirijiet tal-hajja mizzewga u li bil-passivita' tieghu kien qed icahhadaha mill-aktar elementi essenzjali fil-hajja mizzewwga. Hi ghalhekk iddikjarat li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat u qed titlob li z-zwieg jigi dikjarat null fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255.

Il-konvenut jikkontesta l-allegazzjonijiet tal-attrici. Hu jghid li l-partijiet ma ghandhomx hin ghal xulxin minnhabba l-impenji tal-attrici, li fix-Xitwa tahdem fl-iskola bhala LSA u tmexxi banka tal-Lottu u fis-Sajf taghmel gurnata shiha tahdem fil-WaterSports, negozju gestit minn huha, tohrog mid-dar fit-8.00am u tirritorna ezawsta u stremata fid-9.00pm. Jghid li ghandha kunfidenza zejda ma' xi lavranti li jahdmu ma' huha, li twassal li wiehed minnhom l-appartament tieghu, u sar jaf li qieghda f'relazzjoni mieghu.

L-attrici tghid li l-genituri tal-konvenut qalulha li binhom qatt ma kellu tfajla qabel l-attrici u li kienu jahsbu li kien omosesswali; mentri skont il-konvenut l-attrici kienet taghmillu interrogatorju shih biex jghidlha fejn mar u kienet takkuzah li jmur ma nisa' ohra.

Ikkonsidrat;

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew li l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku jehtieg is-salvagwardji necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tkun sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet **"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal:

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-aktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrizzjoni u jsiru maturi. Fejn

jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.

Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju".

Fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 intqal:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzoni u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega".

Dwar il-validita' tal-kunsens moghti, fil-kawza fl-ismijiet "**Lawrence Attard vs George Attard**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2011 ntqal:

"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni…..Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal:

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubbju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett….. Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".

Ikkunsidrat;

**L-Artikoli tal-Ligi li fuqhom issejjes il-kawza taghha l-Attrici.**

L-attrici qed tipprocedi b'din il-kawza skont l-Artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap 255.

Is-subinciz (d) jghid hekk:

"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;"

-omissis-

(f) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".

**Talbiet Kontradittorji**.

Jigi fl-ewwel lok rilevat li gie diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, li kawza dwar l-annullament taz-zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fuq is-subinciz (1)(d) tikkontjeni talbiet kotradittorji, ghalkemm tali kontradizzjoni ma twassalx ghan-nullita' tal-att.

Fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** gia' citata deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 ntqal:

"Rigward id-dispozizzjoni kotenuta fis-subinciz(f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att posittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li n-nullita' taz-zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita' ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intellettwali, propju l-att pozittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali".

Ikkunsidrat;

**Artikolu 19 (1) (f)**.

Fil-kaz in ezami ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taz-zwieg l-attrici jew il-konvenut kienu qed jeskludu z-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif qed tallega l-attrici. Ghall-kuntrarju

jirrizulta li l-partijiet hasbu dwar dak li riedu jaghmlu. L-attrici tghid li billi kienet qed tikber xtaqghet li jkollha familja, ghamlu kwazi sena jikkoabitaw qabel izzewgu, zmien meta ghall-attrici, il-konvenut kien l-gharus idejali. Kienu jghixu ta' mizzewgin u rrizulta li f'dak iz-zmien l-attrici ma kinitx tuza kotracettivi u li dawn bdiet tohodhom meta kienu mizzewgin u ma kinitx konvinta mill-appogg tal-konvenut. F'dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda eskluzjoni la taz-zwieg u l-anqas ta' xi element necessarju taz-zwieg.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Al Chahid vs Mary D"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' gunju 2002 ntqal:

"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".

Dan is-subinciz jirreferri ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux l-intenzjoni li jizzewweg sabiex jghix hajja konjugali izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri. L-attrici dwar dan iddikjarat li l-konvenut uzaha, sab post komdu fejn jghix u xi hadd isajjarlu u prattikament jmantnih. Dan hu kontestat mill-konvenut li jghid li kien komdu qabel izzewweg sia meta kien jghix mal-genituri kif ukoll meta kera appartament. Mill-provi ma irrizultax li kien jezisti xi ghan ulterjuri. Dan iz-zwieg falla minhabba cirkostanzi li rrizultaw waqt iz-zwieg.

It-talba attrici ghalhekk inkwantu proposta fuq l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 ma tirrizultax ippruvata.

Ikkunsidrat

**Artikolu 19 (1) (d)**.

L-attrici qed titlob ukol dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255. L-azzjoni attrici biex tirnexxi skont dan is-subinciz tirrikjedi prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Il-jeddijiet u d-dmirijiet tar-ragel u l-mara lejn xulxin huma elenkati fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16.

Artikolu 2 :-

(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabilita' fil-familja.
(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jiefqu ma xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Artikolu 3.:- Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

"ikun hemm id-difett serju ta'diskrezzjoni ta'gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed ghamel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati-in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li jkun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat tal-hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet "**Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003 ntqal:

"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplice injoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta'immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas ta' discretio judici huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-

rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni-ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijeit u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu zwieg u l-hajja mizzewga."

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami ma rrizultax mill-provi li l-partijiet ma kienux perfettament konxji tar-responsabiltajiet taghhom fiz-zwieg. Ghamlu ftit anqas min sena jikkoabitaw fejn kienu jghixu ta' mizzewgin. L-attrici tghid li ghagglet ghax kienet qed tikber pero' fil-prattika setghet facilment tinqabad tqila meta il-partijiet kienu jikkoabitaw qabel izzewgu. L-attrici tghid, in kontroezami li l-kontracettivi bdiet tohodhom xi tlett xhur wara z-zwieg billi bdiet issahhah il-konvinzjoni taghha li z-zwieg ma kienx ser jirnexxi u f'tali sitwazzjoni ma rieditx tkabbar il-problemi billi jkollhom it-tfal. Mistoqsija mill-Qorti jekk il-konvenut fil-fehma taghha kellux bzonn kura psikologika jew psikjatrika rrispondiet fin-negattiv.

Il-verita' hi li dan iz-zwieg falla billi l-partijiet kienu jghixu hajjiethom perfettament indipendenti minn xulxin. It-tnejn li huma kienu jkunu xoghol ghal sieghat twal kull jum; l-konvenut kien jqatta's-sieghat fil-pet shop tieghu u wara dahal driver mal-Arriva, impieg impenjattiv b'hinijiet twal. L-attrici kienet tahdem l-iskola, kellha Banka tal-Lottu u fis-Sajf kienet tahdem gurnata shiha l-gimgha kollha inkluz il-Hadd, tohrog fil-ghodu kmieni u tiritorna tard fil-ghaxija. Il-partijiet ma kellhomx hin ghal xulxin, ftit kellhom opportunita' li jgawdu l-kumpanija ta' xulxin u li jaqsmu l-esperjenzi sbih ta' koppja fl-ewwel snin taz-zwieg.

Il-Gurisprudenza irriteniet kemm il-darba li l-fatt li zwieg jitkisser ma jfissirx li kien null minhabba kunsens vizzjat.

Hi l-fehma konsidrata ta' din il-Qorti li l-partijiet taw kunsens validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg taghhom. Ghalhekk qed tiddeciedi illi t-talbiet attrici imsejsa fuq is-subinciz (d) u (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 huma infondati u konsegwentement it-talbiet attrici qed jigu rigettati.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad t-talba tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**